Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 92/2016

Il-Pulizja

Vs

Fabio Psaila

detentur tal-karta ta' l-identita' numru 318874(M)

Illum, 28 ta' Frar, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Fabio Psaila quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli bejn ix-xhur ta' Mejju 2014 u Settembru 2015, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew
marbut b' kuntratt, naqas milli jaghti lil martu Isabelle Mercieca Frantzu/jew uliedu is-
somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulate bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha
u/jew ghal ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-
kuntratt ikollha thallas dik is-somma;

u talli ghax-xahar ta' Awissu 2015,naqas li jaghti lil Isabella Mercieca is-somma ta' Ewro 280,

iffissata minn dik il-qorti jew stipulat fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond I-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-15 ta' Frar, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 338(z), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u ghaldaqstant kkundannatu ghal sitt xhur (6) xhur prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellanti Fabio Psaila minnu pprezentat fil-25 ta' Frar, 2016 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka thassar u tannulla s-sentenza tal-15 ta' Frar 2016, moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Familja), tillibera lill-esponent minn kull htija u piena skond il-ligi rigward il-manteniment ghall-perjodu Mejju 2014 sa' Gunnju 2015

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

IIli b' kull dovut rispett, l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament tal-fatti u provi b' mod generali:

Illi ai termini ta' sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datata, 1 ta' Marzu 2011, u kkonfermata mill-Qorti ta' I-Appell nhar it-3 ta' Frar 2012, Fabio Psaila kien ordnat illi jivversa manteniment mensili versu uliedu minuri, liema manteniment ikun dovut kull 1- ewwel tax-xahar;

Illi l-akkuza tirreferi ghax-xhur ta' Mejju 2014 sa Settembru 2015;

Illi r-rikorrenti kien gie notifikat nhar il-21 ta' Dicembru 2015, u kellu jidher quddiem il-Qorti fis-seduta ta' nhar it-Tnejn 15 ta' Frar 2015;

Illi dakinhar, I-imputat kien eccepixxa preskrizzjoni ai termini ta' l-ewwel Proviso ta' paragrafu (z) ta' I-Artikolu 338 tal-Kap IX tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-ewwel Qorti ma accettatx it-talba ta' preskrizzjoni ta' sitt xhur;

Illi l-ewwel proviso ta' paragrafu (z) ta' I-Artikolu 338 tal-Kap IX tal-Ligijiet ta' Malta huwa car meta jistipula illi:

... minkejja kull disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodici, l-azzjoni kriminali ghal reat
taht dan il-paragrafu taqa' bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' sitt xhur.'

Illi l-manteniment huwa dovut kull l-ewwel tax-xahar;

Illi gialadarba l-esponenti gie notifikat fil-21 ta' Dicembru 2015, ix-xhur Mejju 2014 sa Mejju 2015 huma preskritti. Illi peress illi l-esponenti gie notifikat fil-21 ta' Dicembru 2015, ix-xahar ta' Gunju 2015 huwa preskritt ukoll stante illi l-akkuza kellha tigi notifikata lill-esponenti sal-15 ta' Dicembru 2015;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi mill-verbal tas-seduta tal-lum jirrizulta illi l-manteniment kollu dovut ghall-perjodu bejn Mejju 2014 u Settembru, 2015 jinsab imhallas. Dan jirrizulta ukoll mill-atti u minn dak dikjarat mill-parti leza stess.

Ghaldaqstant ghalkemm thallas il-manteniment xorta wahda tirrizulta r-reita' billi l-manteniment thallas tardivament, madanakollu hemm lok ghall-varjazzjoni fil-piena stante pagamenti.

Ghaldaqstant din il-Qorti qeghda tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt illi tikkonfermha fejn din sabet lill-appellant hati tal-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu tirrevoka in kwantu ikkundannatu ghal gimgha detenzjoni u wara li rat l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena m'illum.

Il-Qorti wissiet lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkometti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kondizzjonata.

Edwina Grima

Imhallef